

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/5**tal-5 ta' Jannar 2016****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' rekwiżiti essenzjali għall-ħarsien tal-ambjent****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jeżiġi li l-prodotti, il-partijiet u t-tagħmir ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent li jinsabu fil-Volumi I u II tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Chicago") kif applikabbli fis-17 ta' Novembru 2011, ħlief għall-Appendiċijiet ta' dak l-Anness. Dawk ir-rekwiżiti ġew implimentati fil-liġi tal-Unjoni bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ⁽²⁾.
- (2) Il-Volumi I u II tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago ġew emendati fl-2014 bl-introduzzjoni ta' standards ġodda tal-istorbju.
- (3) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, il-punt 21.A.18(a) qed jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Ir-rekwiżiti tal-istorbju li huma applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip għal inġenju tal-ajru huma preskritti b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tal-Anness 16, Volum I, Parti II tal-Konvenzjoni ta' Chicago u:

1. għal ajruplani ġett subsoniċi, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 2, 3, 4 u 14, kif applikabbli;
2. għal ajruplani li jaħdmu bl-iskrejjen, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 3, 4, 5, 6, 10 u 14, kif applikabbli;
3. għal elikopters, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 8 u 11, kif applikabbli;

⁽¹⁾ ĠUL 79, 13.3.2008, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠUL 224, 21.8.2012, p. 1).

4. għal ajruplani supersoniċi, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 12, kif applikabbli; kif ukoll
5. għal rotors inklinati, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 13, kif applikabbli.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Jannar 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
